**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U ĦAMSIN** **23 ta' AWWISSU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Joseph D'Amato

**ASSENTI**

Il-Viċi Sindku is-Sur Ignatius Farrugia

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **51.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 51.1.1 | | Il-Kunsillier Joseph Damato informa li ma setgħax jattendi minħabba raġuni ta mard. L-ittra tal-appoloġija annessa **dok 1**. |
| | | |
| **51.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 51.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsin -il seduta. |
| | | |
| ***51.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 51.3.1 | | Is-Sindku qalet:<br>• li l-mawra tal-Kunsill Lokali lejn Pedara kienet suċċess. Irringrazzjat lill-Kunsilliera Joseph D'Amato, Marisa D'Amato u Kaydem Schembri u speċjalment lill-iskrivana tal-Kunsill Francesca Camilleri li ħadet ħsieb din l-attivita. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-bankina li l-Kunsill qabel li ssir fi Triq l-Imqabba u ssir ‘l ġewwa mill-ħajt preżenti, ġiet approvata minn TM u ser issir fiż-żmien li ġej.<br>• Fil-kexxun tal-Kunsilliera kulħadd għandu laple pin bl-istemma l-ġdida.<br>• Il-Konsulent tal-Kunsill Lokali fuq Planning Authority u membru tas-sotto kumitat Kultura ta r-riżenja tiegħu. Is-Sindku xtaqet tirringrazzjah tax-xogħol siewi li għamel. Kien hemm qbil li jingħata rikonoxximent f’laqgħa li jmiss. |
| | | |
| 51.3.2 | | Is-Sindku qalet li l-persuna li ser torganizza kors tal-presepji, trid li l-Kunsill jixtri sett pasturi biex jintużaw waqt il-kors u joħodhom il-Kunsill biex iżejjen biehom. Tali pasturi jiswew 800E -il wieħed. Ma kienx hemm qbil għax il-Kunsill m’għandux użu għalihom. |
| | | |
| ***51.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 51.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• Biex Triq il-Barrieri titnaddaf eżatt wara l-festa li jmiss.<br>• Biex tinżabar palma fis-central strip fi Vjal Indipendenza k/m Triq Kalang Bugeja<br>• Biex f’Misraħ Repubblika jkun hemm eċċezzjoni biex in-nies li jgħatu servizz fil-Misraħ ma jaqilgħux ċitazzjonijiet. Kien hemm qbil li min jagħti servizz fil-Misraħ, jagħti n-numru tar-reġistrazzjoni biex ikollu eżenzjoni mit-taħrikiet.<br><br>F’dan il-ħin il-Kunsillier Kaydem Schembri ħareġ mis-seduta (ħin 19:30) |
| | | |
| 51.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Triq San Luqa k/m Triq San Gorg u Triq San Gorg biex jinqata l-ħaxix.<br>• Triq San Luqa tingħalaq waqt il-ħinijiet tal-mużew tas-subien, għalhekk hemm bżonn li tinkiteb keep clear fi Triq San Luqa k/m Triq San Ġorg.<br>• Triq il-Kunċizzjoni, Triq id-dejqa u Triq il-Barrieri hemm bżonn li jinqata l-ħaxix.<br>• L-Isqaq fejn ir-razzett tal-fniek għadu ma tnaddafx.<br>• L-isqaq Oswarju, Sqaq San Bartilmew No.2 biex jinqata l-ħaxix.<br>• Triq Hompesch hemm M/C u xorta qed jipparkjaw karozzi. Kien hemm qbil li ssir bollard bħal ma saru fi Triq P P Saydon.<br>• Isiru avviżi mal-istages tal-linja li juru li inbidlet ir-rotta waqt il-festi<br>• Irid jordna cards għalih għax spiċċawlu<br>• Bin tal-klieb fi Triq Bronja fejn il-ġnien biex jitressaq bi ftit.<br>• Bin fi Triq Inglott biex jitressaq ħalli jidher aħjar.<br>• Kull akwata ta’ 5 toroq isir bin. Ma kienx hawn qbil għax hawn biżżejjed reċipjenti tal-iskart.<br>• Karozza abbandunata fi Triq is-Sinja – ser jagħtina ritratt biex ngħadduh l-ghassa.<br>• Refresh tal-lines fejn il-Ġibjun |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Qed jidgeddes l-iskart fi Triq Santa Fawstina<br>• Triq il-Wied biex jinżabar is-siġar taż-żebbug u jinħasel dak il-passaġġ.<br>• Biex isir tindif fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Bubaqra<br>• Sewqan eċċessiv fi Vjal l-Indipendenza. – Is-Sindku qalek li llum saret laqgħa mas-Supretendent u ser jintuża speed gun f'ċertu toroq fiż-Żurrieq.<br>• Triq il-Wied – is-soft area hemm bżonn li tinħarat.<br>• Talba biex isir trasport għall-MCAST. Kien hemm qbil li terġa tintbagħat tfakkira lill-Public Transport. |
| | | |
| 51.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• jixtieq li jinnomina persuna għal ġieh iż-Żurrieq – dan ġie rikonoxxut fuq livel internazzjonali minħabba li nieda kotba fuq livel nazzjonali. Din il-persuna hi miż-Żurrieq - Professur Mario Aquilina. Kien hemm qbil li jekk jikkwalifika, jingħata l-premju.<br>• Staqsa meta ser isiru l-linji tat-triq – Triq il-Karmnu wara li sar it-tarmak minn Infrastructure Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali linji jsiru minn Infrastructure Malta stess, peress li t-triq saret minnhom. Kien hemm qbil li inħeġġu lill-Infrastructure Malta biex jerġgħu jsiru l-linji hekk kif kienu qabel ma saret bit-tarmak.<br>• Isir eżerċizzju biex jitneħħew il-parkeġġi riservati li jkun għamel il-Kunsill temporanju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hekk kif imut xi ħadd, ir-residenti jkunu pronti jikkuntatjaw lill-Kunsill biex jitneħħew. Dawn jitneħħew ftit wara li jkunu ġew nieqsa tali residenti. |
| | | |
| 51.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Li hemm bżonn li Triq Ballott minn wara ċ-ċimiterju ssir 'No entry except for residents or to render a service' u ssir l-istess tabella minn Triq Ħal Far. Fl-istess triq diġa jeżistu tali tabelli, imma jridu jitressqu aktar 'l barra biex jiġu innotati iżjed.<br>Kien hemm qbil fuq dan.<br>• 15ta' Ottubru ser issir l-attivita ta' wirja ta' vetturi – ser ikun hawn 120 vettura. Għalhekk hemm bżonn li Vjal il-Blue Grotto tingħalaq minn fejn il-Miracle Food sa Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li jintalab permess minn TM. Fl-istess attivita ser ikun hemm attivita ta' kick boxing. Din l-attivita ser tkun b'risq Dar Bjorn.<br>• Fl-attivita tal-Ġimgħa l-Kbira qed jaħseb biex isir dram fit-toroq taż-Żurrieq. Tkellem mal-Arċipriet li ser iġib il-permess mal-Kurja. Ser jiltaqa' maż-żewġ soċjetajiet li t-tnejn aċċettaw li jgħatu l-għajnuna tagħhom. Hu semma li din l-attivita ser tinvolvi madwar 10k fi spejjeż. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv titlob l-għajnuna ta' Ministeri fuq fondi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • F'Settembru qed jippjana biex isir foam party għat-tfal fi Ġnien il-Ġibjun u li l-party tal-Milied isir 12 ta' Diċembru u l-Christmas Market isir fid-9 ta' Diċembru.<br><br>• Is-Sindku qalet li tixtieq li jsir Christmas Market f'Bubaqra. Kien hemm qbil fuq dan. F'dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ippropona li jsir id-dberik tal-annimali fil-15ta' Ottubru li ġej f'Bubaqra. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***51.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 50.5.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jintqalu. |
| | | |
| | | |
| ***51.6*** | | ***Konsulenza għall-Kunsill fir-rigward tal-permessi Planning Authority*** |
| | | |
| 51.6.1 | | Minħabba li l-konsulent li kellu l-Kunsill Lokali, informa li ma setgħax jkompli jgħati s-servizz tiegħu, il-Kunsill jeħtieġlu li jfittex għall- konsulent ieħor. Is-Sindku qalet li l-importanti li l-persuna li tintażel ma tkunx tista titfa applikazzjonijiet fil-PA.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici tkellem f'ismu u f'isem il-kunsillier Kyle Mifsud. Huma qed jinnominaw persuna li tkun ġejja min-naħa tal-PN għax jaħseb li din hi pożizzjoni sensittiva u peress li jaħsbu li t-tneħħija tal-persuna li kellu l-Kunsill kienet mossa politika.<br>Is-Sindku ma aċċettatx li l-persuna tintgħażel biss min-naħa tal-PN, imma kulħadd jista jinnomina persuna li jrid, titessaq f'seduta tal-Kunsill u jaqbel il-kunsill kollu fuqha. Dan ma jfissirx li l-Kunsill mhux ser jaqbel mal-persuna innominate mill-kunsillieri rappreżenanti mill-PN. Ma kienx hemm qbil ma dak li qal il-Kunsillier Dino Bonnici.<br><br>Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv titlob linji gwida mill-konsulent preċedenti, biex jintużaw għall-persuna li ser tiġi innominata. |
| | | |
| ***51.7*** | | ***Traffic Management fi Triq iċ-Ċombini ( ser tkun preżenti residenta)*** |
| | | |
| 51.7.1 | | Illum kienu mistednin il-persuni li riedu li Triq iċ-Ċombini jinbidlilha d-direzzjoni tat-traffiku tagħha, imma dawn ma attendewx.<br>Is-Sindku qalet li dalgħodu kellha laqgħa ma' rappreżenant ta' TM fejn ġie ssuġġeriet li d-direzzjoni tat-traffiku tkun 'one way'. Vetturi jgħaddu minn Triq il-Kbira għal Triq l-Inġiniera, għal Triq il-Wied.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud, ma qabilx li tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku minħabba persuna waħda, għaliex il-Kunsill meta saret petizzjoni fuq l-istess suġġett ma kienx qabel, imma minflok tneħħa parkeġġ. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-ħanut li għandu 'loading and unloading' aċċetta li dan il-parkeġġ jitressaq biex tinqeda l-persuna l-oħra li qed titlob din il-bidla. Hu qal li hemm jinħolqu diffikultajiet kbar |

| | | |
|---|---|---|
| | | jekk tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku, tat-toroq, minħabba persuna waħda biss, meta hemm soluzzjoni oħra x'jista jsir. Hu qal li l-Kunsill għandu jitlob lil dan ir-resident biex jikkopera u jkun hawn rimedju li jkun tajjeb għal kulħadd. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***51.8*** | | ***Proġett ta' Misraħ Repubblika*** |
| | | |
| 51.8.1 | | Is-Sindku reġgħet ressqet dan l-item fl-Aġenda biex id-deċiżjoni tal-lum tkun finali u tingħata lill-Perit tal-Kunsill.<br>Kien hemm qbil li :<br>• l-Misraħ ikun bil-pavimentar ġdid;<br>• funtana sempliċi (bħal dik ta' Pjazza San Ġorg) li tkun tista tintefa meta jkun il-bżonn;<br>• ma jsirux qsari;<br>• jinbidlu fanali eżistenti fi stil antik.<br>• Il-Pjazza trid tkun b'pedament sod ħafna mhux bħal dik ta' Raħal Ġdid. |
| | | |
| ***51.9*** | | ***Approvazzjoni tal-Permessi tal-Gabbani tal-Festa ta' Santa Katarina VM*** |
| | | |
| 51.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' talbiet għall-permessi tal-gabbani.<br>Kien hemm qbil ma kollox. Kien hemm qbil li dak li applika għal Vjal il-Blue Grotto li ser ikollu bar u bejgħ ta' laħam tal-ħanżir, jrid iħalli aċċess għal Triq Carmelo Caruana f'każ ta' xi bżonn ta' ambulanza. |
| | | |
| **51.8** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***51.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 51.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Biex issir U bar fi Triq Inglott. Kien hawn qbil li ssir u jekk il-persuna tiġi nieqsa titneħħa.<br>• Gal Xlokk qed jitolbu li l-Kunsill iħallas il-miżata għall-programm Operattiv Leader 2023 – 2027 u li jiġi innominat persuna biex tirrippreżenta lill-Kunsill. Kien hemm qbil li titħallas il-miżata. Kien hemm qbil li l-persuna innominata tkun il-Kunsillier Kaydem Schembri.<br>• Biex isir isem tat-triq għal tifel li kien miet waqt li kien l-iskola – Adrian Borg. Diġa hemm ġnien u bank imsemmi għall-persuna, imma l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni. F'Dan il-punt tressqet proposta biex isir bust tat-tabiba Maria Schiberras, fejn il-Berġa tas-Saħħa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-kunsill irċieva permess biex jitwaħħlu bollards fi Vjal il-Blue Grotto biex dak li jkun inaqqaslu ċ-ċans li jipparkja fuq barra tas-service road viċin il-ħwienet tal-pastizzi u tal-merċa. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-kunsill għadux jaqbel li jsiru. Kien hemm qbil li jiġu ordnati u jsiru wara l-festa li jmiss. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex jingħata isem ta' parti minn Triq it-Tin minħabba li tali triq tinsab fuq żewġ naħat u qed tkun ta' inkonvenjent biex jinstab l-indirzz kemm mill-pustiera u anke minn sewwieqa ta' ambulanzi. Kien hemm qbil li tissemma għat-tobba Schiberras.<br>• Biex sqaq faċċata tal-gate ta' emigrant fi Triq Hal far jingħata isem. Kien hemm qbil li jissemma Sqaq il-paċi.<br>• Saret talba biex isir ilqugħ għax-xita fi Triq il-Qrendi qabel tidħol għal Triq Napuljun u Triq P P Pullicino. Ma kienx hemm qbil.<br>• Ir-reġjun Punent mela applikazzjoni għall-kompetizzjoni ta' permanent sustainable mobility measure. Li fondi għaliha hemm madwar 30K. Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, flimkien mal-Kunsill Ħaż-Żebbug applika biex isiru *on-street smart parking system* fiċ-ċentru taż-Żurrieq. Lil kunsill ser tinvolvih il-manutenzjoni tal-proġett li ser ikun jammonta għal xi 6k fis-sena. Dan hu proġett li ma tantx hawn bħalu f'Malta. Ser isir survey ukoll mir-Reġjun Punent, biex tinħoloq rotta minn fejn jistgħu jgħaddu r-roti bejn l-irħula tar-reġjun. Dan ser isir bi spejjeż għar-Reġjun Punent.<br>• Talba biex issir cctv quddiem il-Maypole fi Triq Bronja għax qed ikun hemm diversi li jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet u double parking. L-għalmu tal-Kunsill sar, ġie injorat minn TM u ma kienx hemm qbil li issir CCTV.<br>• Il-Kunsill irċieva talba mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed jistaqsu li min irid jista jipparteċipa fil-Europride week li ser issir bejn is-7 u 17 ta' Settembru, billi jżejjen it-toroq tar-raħal, spejeż tal-kunsill. Kien hemm qbil li titwaħħal bandiera mal-binja tal-uffiċċju tal-Kunsill.<br>• It-tender tal-bins, bankijiet, poles u affarijiet oħra ser jiskadi fix-xhur li ġejjin. Ser jibda jsir xogħol fuq it-tender għalih. |
| | | |
| 51.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' Fixed assets li kienu inxtraw mill-Kunsill mis-sena 2000 sas-sena 2010 u li issa jew ġew mibdula għax miksurin, jew m'għadhom jintużaw. Tali oġġetti ser jiġu eliminati mill-lista ta' fixed assets. Kien hemm qbil fuq dan. **Lista mehuża Dok 2.** |
| | | |
| ***51.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 51.10.1 | | Ġew approvati il-minuti ta Reġjun Punent laqgħa 22 u 23 u Galxlokk laqgħa 141 u 142. |
| | | |
| ***51.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 51.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok 2 għall-ammont totali ta' €175,293.77 |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***51.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 51.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _27 ta' SETTEMBRU, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| | |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |